**QORTI CIVILI PRIM`AWLA**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MCKEON**

**Illum il-Hamis 30 ta` Marzu 2017**

**Kawza Nru. 6**
**Rikors Nru. 32/06/1 JZM**

**Fl-atti tac-Citazzjoni 32/06 JZM, marbutin mal-atti tac-Citazzjoni 1012/05JZM, fl-ismijiet :-**

**Emanuel Micallef (I.D. 530M) u martu Filippa Micallef (I.D. 379033M)**

***kontra***

**Carmelo Farrugia (I.D. 501747M) u martu Matilde Farrugia (I.D. 205046M);**

**Amal Aluminium Works Limited (C-6611);**

**Raymond Demicoli (I.D. 450256M) u martu Rita Demicoli (I.D. 264961M);**

***u***

**Ir-Registratur ta` l-Artijiet**

**Il-Qorti :**

Rat ir-rikors li pprezentaw l-atturi fis-26 ta` April 2016.

Rat id-digrieti precedenti taghha.

Rat illi l-partijiet kienu lkoll notifikati.

Semghet lid-difensuri u lin-Nutar Pubbliku Joseph R. Tabone waqt l-udjenzi fejn kien trattat ir-rikors.

Rat l-atti tal-kawza fl-ismijiet premessi li ghaddiet in gudikat.

Rat l-atti l-ohra tal-procediment.

**Ikkunsidrat :-**

Illi fir-rikors tas-26 ta` April 2016 ir-rikorrenti ghamlu zewg talbiet.

Illi t-talba kontestata hija l-ewwel talba mhux it-tieni wahda.

Illi dak li qed jintalab permezz tal-ewwel talba tar-rikors kif dedotta jikkostitwixxi fis-sostanza talba gdida fl-ambitu ta` kawza li ghaddiet in gudikat, materja li mhijiex permessa ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi.

**Ghalhekk qeghda tirrespingi l-ewwel talba.**

**In kwantu jirrigwarda t-tieni talba, il-Qorti sejra tilqa` l-istess talba.**

**Sejra taghmel dan ghaliex tinsab ikkonfortata mid-dikjarazzjoni li ghamel in-Nutar Pubbliku Joseph R. Tabone fl-udjenza tat-28 ta` Frar 2017.**

**Tordna ghalhekk illi kull ma kellu jsir skont id-decizjoni ta` din il-Qorti li ghaddiet in gudikat ghandu jsir min-Nutar Pubbliku Joseph R.**

**Tabone nhar il-Gimgha 28 ta` April 2017 fil-10.00 a.m. fil-bini tal-Qrati tal-Gustizzja, Valletta.**

**Tordna illi kull att li jkun jehtieg in-Nutar Pubbliku Joseph R. Tabone biex jespleta l-inkariku tieghu ghandu jinkiseb biss mill-atti tal-kawza li ghaddiet in gudikat.**

**Tordna li l-ispejjez ta` dan il-procediment jibqghu bla taxxa.**

**Onor. Joseph Zammit McKeon**
**Imhallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Registratur**